**QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)**
**ĠURISDIZZJONI SUPERJURI**
**SEZZJONI ĠENERALI**

**MAĠISTRAT DOTTOR BRIGITTE SULTANA LL.D., LL.M. (CARDIFF), ADV. TRIB. ECCL. MELIT.**

**Illum, il-Ġimgħa, 31 ta' Jannar 2025**

**Rikors Ġuramentat numru: 52/2023 BS**

**Excel Investments Limited**

**-vs-**

**Raymund Camilleri**

**Il-Qorti;**

**A. Preliminari:**

**Rat ir-rikors ġuramentat tas-soċjeta' attriċi[1] illi ppremettiet:**

1. *Il-kumpanija attriċi flimkien mal-konvenut ffirmaw konvenju għax-xiri da parti tas-soċjetà attriċi mingħand Camilleri tal-propjetà konsistenti minn appartament internament magħruf bin-numru sebgħa ittra A fit-third floor level ta' korp bini mingħajr numru bl-isem "Archway Court Block A", Triq Misraħ il-Barrieri, Msida, liema konvenju ġie ffirmat fit-tnejn u għoxrin (22) ta' Jannar, elfejn u wieħed u għoxrin (2021) fil-preżenza tan-Nutar Kristen Dimech;*

[1] Rik. Gur. a fol 1, 2, u fol ulterjuri mhux paginat, dokumenti annessi a fol 3 sa 23.

2. *Illi fuq dik l-iskrittura l-attriċi kienet ħallset is-somma ta' ħamest elef ewro (€5,000) bħala depositu inizjali;*

3. *Illi, imbagħad, fl-ewwel (01) ta' Ġunju elfejn u wieħed u għoxrin (2021) l-esponenti ħallset somma addizzjonali ta' għaxart elef ewro (€ 10,000) lil Camilleri bħala depożitu akkont tal-prezz;*

4. *Illi il-konvenju skada u tilef l-effetti tiegħu kollha b'effett mit-30 ta' Novembru 2021, ħadd mill-partijiet ma' ħa l-azzjoni prospettata fl-artikolu 1357 tal-Kap. 16 sabiex iżomm l-effetti ta' dik il-wegħda fis-seħħ;*

5. *Illi għalhekk l-esponenti għandha d-dritt għar-rifużjoni tad-depositu ta' ħmistax-il elf euro (€15,000), flimkien mal-imgħax fuq din is-somma b'effett mill-l ta' Diċembru 2021;*

6. *Illi minkeja li ġie interpellat sabiex iħallas l-ammont dovut permezz ta' ittra uffiċjali tal-wieħed u għoxrin (21) ta' Diċembru 2022 (Ittra Nru. 130/2022), l-intimat baqa' inadempjenti;*

7. *Illi l-esponenti trid titħallas l-ammont dovut lilha;*

**Talbet għalhekk lill-konvenut jgħid għaliex m'għandiex din il-Qorti:**

1. *Tiddikjara li int ghandek tirrifondi lill-attriċi s-somma ta' ħmistax il-elf ewro (€15,000) rifużjoni tad-depositu imħallas fuq l-imsemmi konvenju, flimkien mal-imgħax mill-l ta' Diċembru sad-data tal-pagament effettiv.*

2. *Tikkundannak tħallas dan l-ammont flimkien mal-imgħax b'effett mill-l ta' Diċembru 2021 sad-data tal-pagament effettiv.*

*Bl-ispejjeż tal-ittra uffiċjali tal-21 ta' Diċembru 2022, Ittra numru 130/2022.*

*Bl-inġunzjoni għas-subizzjoni li għaliha minn issa inti msejjaħ.*

**Fliet l-atti.**

**Rat** id-dokumenti annessi mar-rikors ġuramentat tas-soċjeta' attriċi konsistenti, *inter alia*; fis-segwenti: [i] kopja fotostatika ta' skrittura ta'

konvenju datata t-22 ta' Jannar, 2021 li biha l-partijiet kontendenti odjerni daħlu għall-obbligazzjonijiet spjegati mis-soċjeta' attriċi fl-ewwel premessa tar-rikors ġuramentat tagħha;[2] [**ii**] kopja fotostatika ta' irċevuta għal għaxar t'elef Euro – €10,000 – datata l-1 ta' Ġunju, 2021, flimkien ma' ċekk maħruġ mis-soċjeta' attriċi lil ċertu Ramon Camilleri għall-istess ammont u fl-istess data;[3] [**iii**] kopja fotostatika tal-ittra uffiċjali numru 130/2022 magħmulha ai termini tal-Artikolu 166A, datata l-21 ta' Diċembru, 2022, u mibgħutha mis-soċjeta' attriċi lill-konvenut b'talba għall-ħlas tal-valur *ivi* f'din l-istanza mitlub ta' ħmistax-il elf Euro – €15,000.[4]

**Rat** it-talba tas-soċjeta' attriċi sabiex il-konvenut jiġi notifikat bir-rikors ġuramentat tagħha u bl-avviż tas-smiegħ permezz tal-proċedura tal-affissjoni, liema talba saret bi-rikors tagħha tal-20 ta' Lulju, 2023,[5] intlaqgħat b'digriet tas-26 ta' Lulju, 2023.[6]

**Rat** il-kopji veri tan-notifika tar-rikors ġuramentat tas-soċjeta' attriċi u tal-avviż tad-differiment permezz tal-publikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern,[7] kif ukoll permezz tal-pubblikazzjoni f'żewġ gazzetti lokali, gazzetta ppubblikata fil-lingwa Ngliza u oħra ppubblikat fil-lingwa Maltija.[8]

**Rat** ir-rikors tal-konvenut tal-15 ta' Novembru, 2023 li bih, wara li ppremetta li sar jaf bil-kawża odjerna biss wara li ġie nfurmat mil-bank tiegħu b'mandat ta' sekwestru li kien sar fuq il-kont bankarju tiegħu, kif ukoll li s-soċjeta' attriċi kienet ben konxja mill-fatt li huwa bidel l-indrizz ta' residenza tiegħu bl-indirizz ġdid tiegħu kien ġie mgħarraf lilha meta rrisponda għall-ittra uffiċjali tagħha numru 130/2022 nhar it-30 ta' Marzu, 2023;[9] talab dikjarazzjoni ta' nullita' tal-proċedura tal-pubblikazzjoni u affissjoni kif ukoll li jiġi awtorizzat jintavola risposta ġuramentata.[10]

---

[2] Skrittura ta' konvenju a fol 3 sa 8 bi pjanta a fol 9.
[3] Cekk u ricevuta jirrizultaw fl-istess kopja fotostatika a fol 10.
[4] Ittra ufficjali 166A a fol 12. Timbru dwar nuqqas ta' notifika taghha a fol 13.
[5] Rikors a fol 29.
[6] Digriet a fol 30.
[7] Kopji veri mill-Gazzetta tal-Gvern a fol 32 sa 34.
[8] Estratt minn *The Malta Independent* tal-11 ta' Ottubru, 2023 a fol 37 estratt mill-"Orizzont" a fol 39.
[9] Ref.: kopja tan-nota ta' kontestazzjoni tieghu ghall-ittra ufficjali 166A tas-socjeta' attrici a fol 43.
[10] Rikors a fol 41 u 42.

**Rat** li fl-udjenza tas-17 ta' Novembru, 2023 is-soċjeta' attriċi qablet li l-konvenut jiġi awtorizzat jippreżenta risposta ġuramentata bil-konvenut ġie akkordat terminu għal tali għan.[11]

**Rat** li minkejja li l-konvenut ġie awtorizzat jippreżenta risposta ġuramentata, fl-udjenza tal-14 ta' Frar, 2024 huwa ġie dikjarat kontumaċi.[12]

**Rat** li fl-udjenza tas-27 ta' Settembru, 2027 is-soċjeta' attriċi ppreżentat il-kapitoli għas-subizzjoni tal-konvenut.[13]

**Rat** li fl-udjenza tas-16 ta' Ottubru, 2024 infetħu u nqraw il-kapitoli tas-soċjeta' attriċi bil-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza *in difetto ostakolo*.[14]

**Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża**, inkluż id-dokumenti eżebiti u verbali kif ukoll it-traskrizzjonijiet tax-xhieda kollha u affidavits.

## B. Provi:

**Semgħat ix-xhieda bil-ġurament u rat dik magħmulha bil-proċedura tal-affidavit, ta':**

**Mark Agius**, in rappreżentanza tas-soċjeta' attriċi, xehed[15] li huwa direttur u azzjonist tas-soċjeta' attriċi.

Jgħid li l-konvenut kien wera nteress li jixtri appartament mingħandhom fil-Qala u huma kienu ser jixtru appartament ieħor mingħandu fl-Imsida. Iżid li kien hemm differenza fil-prezz li huma kellhom joħorġu stante li l-appartament li kien qiegħed ibiegħilhom hu kien aktar għoli mill-appartament li kienu qiegħdin ibiegħulu huma.

Jgħid li lill-konvenut tawh żewġ pagamenti: wieħed ta' €5,000 fuq il-konvenju u ieħor ta' €10,000 aktar tard.

[11] Verbal a fol 46 u 47.
[12] Verbal a fol 50.
[13] Verbal a fol 56.
[14] Kapitoli tas-27 ta' Settembru, 2024 – mhux paginati. Verbal tal-udjenza tas-16 ta' Ottubru, 2024 – mhux paginat.
[15] Traskrizzjoni a fol 52 sa 54.

Jgħid li għal xi raġuni l-konvenut ma' riedx jersaq la biex jixtri mingħandhom u anqas biex ibiegħilhom.

Jgħid li wara li skada l-konvenju huma bagħtu ittra uffiċjali lill-konvenut sabiex jirritorna l-pagamenti magħmulha lilu. Iżid li l-konvenut baqa' inadempjenti. Iżid li mal-konvenut kellhom ħafna komunikazzjonijiet l-ewwel sabiex jikkonkludu l-atti finali u wara sabiex jirritorna l-ħlasijiet magħmulha lilu. Jgħid li minkejja dan huma baqgħu jiġu njurati.

Muri l-konvenju a fol 3 tal-proċess jikkonferma l-istess bħala dak in mertu. Muri ċ-ċekk ghall-valur ta' €10,000 jgħid li dak inħareġ mis-soċjeta' tagħhom u miegħu hemm irċevuta fejn il-konvenut iddikjara li rċieva tali ħlas.

## C. Ikkunsidrat:

### Preliminari:

Bl-azzjoni odjerna s-soċjeta' attriċi qed tippretendi r-rifuzjoni tas-somma ta' ħmistax-il elf Euro – €15,000 – skontha mħallsa minnha lill-konvenut in kwantu għal €5,000 fuq konvenju datat it-22 ta' Jannar, 2021[16] u in kwantu għal €10,000 permezz ta' ċekk tagħha maħruġ fl-1 ta' Ġunju, 2021 li għalkemm juri isem differenti minn dak tal-konvenut, jidher li ġie kkonfermat mill-istess konvenut bħala riċevut minnu b'irċevuta tal-1 ta' Ġunju, 2021.[17]

Il-konvenut, minkejja li ngħata opportunitajiet varji sabiex iressaq risposta ġuramentata li biha jirribatti t-talbiet atturi, naqas mill jagħmel dan, b'dan li fl-udjenza tal-14 ta' Frar, 2024 ġie ddikjarat kontumaċi.[18]

### Ikkunsidrat Ulterjorment:

Illi huwa ben stabbilit fil-ġurisprudenza nostrana li l-kontumaċja mhijiex meqjusa bħala ammissjoni iżda bħala kontestazzjoni tant li minkejja li l-konvenut kontumaċi ma jistax jippreżenta eċċezzjonijiet u lanqas iressaq

[16] Ref.: it-tielet (3) paragrafu tal-kovennju fil-pagan tal-istess li tinsab a fol 5.
[17] Kopji fotostatici kemm tac-cekk kif ukoll tal-ircevuta a fol 10.
[18] Verbal a fol 50.

provi, xorta għandu jingħata l-fakoltà jagħmel is-sottomissjonijet tiegħu qabel ma tingħata s-sentenza.[19]

Fid-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Appell nhar it-28 ta' Ottubru 2004 fl-ismijiet ***Helen Miceli et vs Carmelo Pisani***, dwar l-istitut tal-kontumaċja ġie ritenut:

> *Illi, kif ġie deċiż minn dawn il-Qrati għadd ta' drabi, il-kontumaċja m'għandhiex titqies bħala stqarrija jew ammissjoni min-naħa tal-imħarrek għal dak li jkun qiegħed jintalab jew jiġi allegat kontrih mill-parti attriċi: għall-kuntrarju, il-kontumaċja tqieset bħala kontestazzjoni, u l-bdil li sar fil-liġi proċedurali fl-artikolu 158 bl-Att XXIV tal-1995 jidher li jtenni din il-fehma. Min-naħa l-oħra, l-istitut tal-kontumaċja huwa msejjes fuq il-presuppost li l-imħarrek, bin-nuqqas tiegħu li jwieġeb għax-xilja u t-talba tal-parti attriċi, ikun wera dispett lejn is-sejħa tal-Qorti biex jidher quddiemha, liema dispett il-liġi tħares lejh bħala għamil li jistħoqqlu piena - dik li ma jkunx jista' jindaħal fit-tressiq ta' provi - bħala element ta' disordni soċjali.*

F'dan il-każ in mertu, jirriżulta li l-konvenut ġie debitament innotifikat bir-rikors ġuramentat tas-soċjeta' attriċi kif ukoll bl-avviż tad-differiment relattiv permezz tal-proċedura ta' l-affissjoni u l-pubblikazzjoni kif jirriżulta mill-atti.[20] Dan seħħ bil-mod segwenti:

i. Notifika bil-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern seħħet nhar id-9 ta' Ottubru, 2023;[21]
ii. Notifika bil-pubblikazzjoni f'gazzetta lokali ppubblikata bil-lingwa Ngliza seħħet nhar il-11 ta' Ottubru, 2023,[22] u;
iii. Notifika bil-pubblikazzjoni f'gazzetta lokali ppublikata bil-lingwa Maltija seħħet nhar is-16 ta' Ottubru, 2023.[23]

Minkejja dan, sa nhar il-15 ta' Novembru, 2023 – data tal-ewwel intervent tal-konvenut f'dawn il-proċeduri bl-intavolar ta' rikors minnu li jġib l-istess data u fejn, wara li elenka r-raġunijiet tiegħu għan-nuqqas tan-notifika bil-mod regolari, talab li jiġi awtorizzat jagħmel risposta

[19] Ref.: *inter alia*, id-decizjoni moghtija mill-Qorti tal-Appell nhar l-4 ta' Mejju, 2022 fl-ismijiet ***Avv. James D'Agostino vs Registratur, Qrati Civili u Tribunali***.
[20] Ref.: dokumenti a fol 32 sa 34 u ohrajn a fol 37 u 39, kif spjegati wkoll fil-parti preliminari ta' din id-decizjoni rigwardanti n-notifika tal-konvenut bil-procedura tal-pubblikazzjoni u l-affisjoni.
[21] Ref.: data li tirrizulta a fol 34.
[22] Ref.: data li tirrizulta a fol 37.
[23] Ref.: data li tirrizulta a fol 39.

ġuramentata – il-konvenut kien għadu effettivament ma' għamilx risposta ġuramentata u dan nonostante li t-terminu sabiex jagħmel it-tali risposta ai termini ta' l-Artikolu 187 sub-artikolu tlieta (3) tal-Kap. 12, Liġijiet ta' Malta, kien skada rrimedjabilment.

L-Artikolu 187 sub-artikolu tlieta (3) fil-fatt jiddisponi kif isegwi:

> *(3) Jekk mir-riferta tal-uffiċjal inkarigat minn notifika ta' skrittura jew att ġudizzjarju jinstab li l-persuna li għandha tiġi notifikata bl-iskrittura jew att, għalkemm ma tirriżultax li qegħda barra minn Malta, id-dħul fil-post tar-residenza tagħha ma jkunx jista' jsir, jew il-post tar-residenza tagħha ma jkunx magħruf, il-qorti tista' tordna illi n-notifika ssir billi titwaħħal kopja tal-att fil-post, fil-belt jew fid-distrett fejn soltu jitwaħħlu l-atti uffiċjali, u billi dik l-iskrittura jew att jinħarġu fil-qosor fil-Gazzetta u f'ġurnal ta' kuljum wieħed jew iktar minn wieħed skont kif il-qorti tiddeċiedi u, meta jkun possibbli, jekk il-post tar-residenza jkun magħruf, billi titwaħħal kopja tal-iskrittura mal-bieb ta' dik ir-residenza. Il-qorti tista' wkoll tieħu dawk il-miżuri oħra li jkunu jidhrulha xierqa sabiex l-iskrittura jew l-att issir taf bihom il-persuna li lilha għandhom ikunu notifikati.* ***F'dawk il-każijiet in-notifika għandha titqies li tkun saret fit-tielet jum tax-xogħol wara l-aħħar data meta tkun ġiet pubblikata jew minn meta tkun twaħħlet il-kopja, skont liema tiġi l-aktar tard*** […].
>
> [enfażi ta' din il-Qorti]

Ċiononstante, din il-Qorti, bil-qbiel ukoll tas-soċjeta' attriċi,[24] reġgħet ikkonċediet opportunita' oħra sabiex il-konvenut jintavola risposta ġuramentata billi akkordatlu għoxrin (20) jum addizzjonali għal dan il-għan.

Fil-fatt, fl-udjenza tas-17 ta' Novembru, 2023, għar-raġunijiet hemm ukoll imnissla, ġie vverbalizzat kif isegwi:

> [...] *Dr. Carmelo Galea ma' jopponix it-talba sabiex huwa* – il-konvenut – *jipprezenta r-risposta guramentata.*
> [...]
> *Il-Qorti,*

[24] Ref.: verbal a fol 46 u 47 fejn fl-udjenza tas-17 ta' Novembru, 2023 is-socjeta' attrici qablet li l-konvenut jigi awtorizzat jipprezenta risposta guramentata.

*Takkodalhu* – lill-konvenut – *ghoxrin jum ghar-risposta.*

Tali terminu ta' ghoxrin (20) jum ġie addirittura estiż a favur il-konvenut bi qbiel mas-soċjeta' attriċi permezz ta' nota konġunta tal-partijiet li saret nhar id-29 ta' Novembru, 2023 fejn il-partijiet, tramite id-difensuri legali tagħhom, qablu u ddikjaraw *li jestendu t-terminu ghal-prezentazzjoni tar-risposta tal-konvenut sat-30 ta' Jannar, 2024.*[25]

Il-konvenut, da parti tiegħu, anke din l-enneżima opportunita' sparpalja tant li nhar l-24 ta' Jannar, 2024 il-kawża ġiet differita għal nhar l-14 ta' Frar, 2024 *ghall-prezentata tar-risposta guramentata,*[26] b'dan li fit-tali udjenza tal-14 ta' Frar, 2024, stante nuqqas da parti tal-konvenut f'li jippreżenta risposta ġuramentata, huwa ġie meqjus kontumaċi.[27]

Oltre minn hekk, fl-udjenza tas-16 ta' Ottubru, 2024 ġew miftuħa u moqrija l-kapitoli tas-subizzjoni magħmulha mis-soċjeta' attriċi kontra l-konvenut nhar is-27 ta' Settembru, 2024[28] għall-valur *ivi* mitlub minnha ta' €15,000.[29]

L-Artikolu 698 tal-Kap. 12, Liġijiet ta' Malta, huwa ċar f'dan ir-rigward fejn jiddisponi:

> **698.** *(1) Jekk il-parti, li tagħha tintalab is-subizzjoni, tonqos li tidher fil-jum mogħti għas-smigħ tal-kawża, il-parti li titlob is-subizzjoni għandha, malli jiġu stabbiliti l-kwistjonijiet fil-kawża, tiddikjara li trid dik is-subizzjoni u tippreżenta kapitoli u dikjarazzjonijiet li għandhom jiġu formulati fl-affermattiv hekk li jkun jenħtiġielhom jingħataw risposta affermattiva, illi jiġu ssiġillati mir-reġistratur.*
>
> *(2)* ***Jekk il-parti li lilha tingħata s-subizzjoni tonqos li tidher fil-jum li għalih il-qorti tħalli s-smigħ tal-kawża, mingħajr ma ġġib raġuni tajba li għaliha tkun naqset li tidher, il-kapitoli jitqiesu ammessi u aċċettati****.*
>
> [enfażi ta' din il-Qorti]

[25] Ref.: nota a fol 48.
[26] Ref.: verbal a fol 49.
[27] Ref.: verbal a fol 50.
[28] Ref.: verbal a fol 56.
[29] Ref.: kapitoli tas-27 ta' Settembru, 2024 u verbal tal-udjenza tas-16 ta' Ottubru, 2024, ilkoll mhux paginati.

F'dan il-każ, fl-udjenza li fiha tħalla s-smiegħ tal-kawża wara li ġew ippreżentati l-kapitoli da parti tas-soċjeta' attriċi; *Raymund Camilleri* – il-konvenut – *msejjah tlett darbiet ma' deherx u bl-ebda mod ma' ggustifika l-assenza tieghu*.[30]

Huwa għaldaqstant li t-talbiet tas-soċjeta' attriċi fil-konfront tal-konvenut jistgħu validament jitqiesu bħala ammessi u aċċettati.

Jingħad ukoll li minkejja li s-soċjeta' attriċi naqset f'li tipprova kif waslet sabiex titlob l-imgħax mid-data tal-1 ta' Diċembru, 2021[31] meta [**i**] l-konvenju in mertu, iffirmat nhar it-22 ta' Jannar, 2021 ma' jispeċifika ebda terminu ta' validita'; [**ii**] ma' tressqu ebda provi dwar xi estensjonijiet tal-istess konvenju, u; [**iii**] l-unika ittra li eżebiet in atti l-istess soċjeta' attriċi hija dik uffiċjali numru 130/2022 minnha mibgħuta lill-konvenut ai termini tal-Artikolu 166A nhar il-21 ta' Diċembru, 2022; din il-Qorti tagħraf li ġjaladabra konvenju jiskadi rrimedjabilment, il-valuri fuqu mħallsa jkunu dovuti lura lil dik il-parti li tkun ħalsithom. B'dan li f'każ ta' nuqqas ta' rifiżjuni fid-data tal-iskadenza irrimedjabbli tal-konvenju jseħħ arrikkiment indebitu suġġett għall-imgħax immedjat.

F'din l-istanza, għalkemm kif ingħad, ebda prova ma' nġiebet dwar t-terminu effettiv tal-konvenju għajr dikjarazzjonijiet da parti tas-soċjeta' attriċi u rappreżentant tagħha li tali konvenju skada fit-30 ta' Novembru, 2021,[32] tali dikjarazzjoni ma' ġietx kontestata mill-konvenut, anqas fil-kontestazzjoni li għamel għall-ittra 166A tas-soċjeta' attriċi fuq imsemmija, kopja ta' liema tinsab in atti a fol 43.

Din il-Qorti ssostni għalhekk li anke t-talba għall-ħlas tal-imgħax tista' tiġi milqugħa kif dedotta.

**Deċide:**

Għaldaqstant, in vista tal-premess u għar-raġunijiet kollha hawn fuq espressi, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

[30] Ref.: verbal tal-udjenza tas-16 ta' Ottubru, 2024 – mhux paginat.
[31] Ref.: it-tieni talba attrici.
[32] Ref.: ir-raba' (4) premessa tas-socjeta' attrici fir-rikors guramentat taghha. Ref.: ukoll id-dikjarazzjoni ta' Mark Agius, rapprezentant tas-socjeta' attrici, mehmuza mil-ittra ufficjali 166A – kopja a fol 14 u xhieda tal-istess Agius a fol 52 *et seq.*

i. Tilqa' l-ewwel (1) talba attriċi billi tiddikjara li l-konvenut għandu jirrifondi lis-soċjeta' attriċi s-somma ta' ħmistax-il elf Euro (€15,000) minnha mħallsa lilu bħala depożitu fuq il-konvenju tat-22 ta' Jannar, 2021 flimkien mal-imgħax sad-data tal-pagament effettiv;

ii. Tilqa' it-tieni (2) talba attriċi u tikkundanna għalhekk lill-konvenut iħallas lis-soċjeta' attriċi l-valur ta' ħmistax-il elf Euro (€15,000) flimkien mal-imgħax legali b'effett mill-ewwel (1) ta' Diċembru, 2021 sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjeż ta' din il-kawża a karigu tal-konvenut.

(ft.) Dr. Brigitte Sultana
Maġistrat

(ft.) Daniel Sacco
Deputat Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur